# FRA LUDOVIKU SAVOYE (1757-1831)

## Rettur tal-Grotta taħt tlett saltniet u difensur tal-Maltin fi żmien il-ħakma Franċiża.

Kan. Ġwann Azzopardi

Perjodu qasir imma l-aktar drammatiku fl-istorja ta' pajjiżna huma l-aħħar sentejn tas-seklu 18 (1798-1800), li fihom il-gzejjer Maltin għaddew taħt tlett saltniet: l-Ordni ta' San Ġwann, ir-Repubblika Franċiża u l-Ħakma Ngliża.

Il-Granmastru Hompesch, wara li l-Gvern Franċiż kien ikkonfiska l-bosta propjetà li l-Ordni kellu fi Franza, sab ruħu tradut minn niesu stess u meta Napuljun niżel Malta, ċeda l-gżira lil Napuljun. Il-Franċiżi wegħdu Libertà, Fraternità u Ugwaljanza iżda l-amministrazzjoni Franċiża f'Malta malajr rifset il-kallijiet ta' kulħadd, bdiet tisraq il-Knejjes u wasslet biex l-Maltin b'mod qalbieni u bit-tixrid tad-demm (biżżejjed insemmu l-eroj Dun Mikiel Xerri u sħabu li ġew fuċillati fil-Belt) jorganizzaw ruħhom u jkeċċu lill-Franċiżi minn Malta. Dan seta' jsir bl-għajnuna ta' qawwa barranija li l-Maltin talbu u kisbu mill-Ingliżi li daħlu f'Malta biex jgħinu iżda spiċċaw jaħkmu għal aktar minn 160 sena.



*Ritratt pittura tar-Rettur tal-Grotta Ludovico Savoye, li jinsab fil-Mużew ta' l-Ordni ta' San Ġwann, f'St. John's Gate, Clerkenwell. Ritratt ieħor, jixbħu ħafna jinsab fil-Mużew tal-Kulleġġ u riprodott fil-ktieb St. Pauls's Grotto, Malta 1990, p. 404*

**Ir-Rabat u l-Imdina**

Ir-Rabat u l-Imdina kellhom sehem qawwi fit-taqbida qalila u r-rebħa glorjuża tal-Maltin kontra l-Franċiżi. Meta fil-festa tal-Madonna tal-Konsolazzjoni nhar it-2 ta' Settembru 1798 il-Franċiżi, bi ksur ta' kull wegħda li kienu għamlu, ippjanaw li jirkantaw l-oġġetti ta' deheb u fidda tal-knejjes tar-Rabat u l-Imdina u jibdew mill-kunvent ta' Ġieżu u l-Oratorju ta' San Ġużepp, ir-Rabtin irrabjati għall-aħħar sfrattawlhom il-pjan u malajr ħadu l-fided tal-Fratellanza ta' San Ġużepp fid-dar tar-Rettur, in-Nutar Rabti Manwel Vitale (1959-1801). Il-Franċiżi disappuntati telqu għall-knisja tal-Karmnu fl-Imdina biex jirkantaw it-tapezzerija imma l-folla għalqet il-bieb waqt li tfajjel beda jdoqq il-qniepen tal-kampnar. Aktar tard fl-istess jum il-kmandament Franċiż fl-

Imdina, Louis Masson, fettillu jagħmel dawra mar-Rabat bix-xabla misluta f'idejh biex ibeżża lir-Rabtin, iżda dawn imgħaddbin malajr għalqulu t-triq tant li kellu jsib rifuġju fid-dar tan-Nutar Pietru Bezzina quddiem ta' Ġieżu. Il-folla malajr sfrundat il-bieb u għamlu għalih bil-ġebel u aktar tard xeħtuh mill-gallerija miftuħa tas-sular ta' fuq għat-triq fejn miet, waqt li l-qniepen ta' San Pawl bdew jindaqqu b'għaġġla b'sinjal ta' allarm lill-irħula tal-qrib.

**Assemblea Nazzjonali**

Dan l-inċident ikraħ kien biss reazzjoni spontanja ta' folla offiża u rrabjata iżda l-Maltin mill-ewwel fehmu l-ħtieġa li jorganizzaw ruħhom tajjeb. L-għada stess, fit-3 ta' Settembru, folla nies mir-Rabat ħatret b'akklamazzjoni lin-Nutar Rabti Emmanuele Vitale bħala Kmandant Ġenerali tal-Maltin. Ġurnata wara, fl-4 ta' Settembru, fil-Banka Ġuratali fl-Imdina, ġiet iffurmata Assemblea Nazzjonali b'erba deputati u diversi uffiċjali, fosthom Lorenzo Bugeja, segretarju. F'din l-Assemblea Emmanuele Vitale ġie konfermat Kap Kmandant tat-Truppi, waqt li r-Rettur tal-Grotta ta' San Pawl, Fra Ludoviku Savoye, ġie mogħti l-kariga mportanti li jiddraftja d-dokumenti u karti uffiċjali ta' l-Assemblea u jkun il-kustodju tagħhom.[1]

Billi l-isem u l-ħidma fejjieda ta' Savoye intesiet kważi għal kollox, ħsibt li issa li qed joqrob it-tieni ċentinarju ta' dawn il-ġrajjiet drammatiċi, nfakkar il-ħidma ta' Savoye kemm bħala rettur tal-Grotta u l-Kulleġġ taħt tlett saltniet, kif ukoll bħala kittieb u kustodju tad-Dokumenti kollha ta' l-Assemblea Nazzjonali tal-Maltin tul il-ħakma Franċiża.

**Savoye fl-Ordni ta' San Ġwann**

Ludoviku Savoye, għalkemm ta' nisel franċiż, twieled f'Malta fil-25 ta' Frar 1757[2] u ta' età żgħira daħal fl-Ordni ta' San Ġwann fejn ta' 25 sena laħaq Segretarju tal-Lingwa ta' Provenza. Missieru li kien jgħix Franza kien imexxi negozju tal-laring minn Rue Therese, Pariġi u ibnu Ludoviku kien jesportalu l-laring minn diversi ġonna f'Malta għax il-laring ta' Malta kien magħruf ukoll għat-tjubija tiegħu, speċjalment fi Franza. Nafu li xi drabi kien jinbagħat b'rigal lill-xi kapijiet ta' stati u personaġġi għoljin. Fl-Arkivju tal-Grotta insibu volum ta' korrispondenza b'130 ittra bil-Franċiż li missier Ludoviku kien jibgħatlu. Dawn l-ittri miktuba fuq medda ta 8 snin (1777-1784) jipprovdu ħafna tagħrif fuq ġonna Maltin, kwalità ta' laring u ħlasijiet li riedu jingħataw lil sidien u bejjiegħa tal-laring f'Malta. Nieħu gost insemmi li Prof. Alain Blondy ta' l-Università ta' Sorbonne ġewwa Pariġi qed iħejji studju dettaljat a bażi ta' dawn l-ittri fuq l-industrija tal-laring f'Malta b'konnessjoni ma' Franza.

Fl-età ta' 30 sena, fl-1787, Ludoviku Savoye inħatar qassis konventwali ta' l-Ordni. F'ittra f'dik l-okkażjoni il-Kavallier Loras wassal lil missier Ludoviku l-awguri ta' l-istess Gran Mastru għall-imġieba għaqlija ta' dan il-Konvetwal ta' l-Ordni (ittra numru 124, miktuba fit-3 t'Awissu 1787).

**Savoye maħtur Rettur tal-Kulleġġ**

Fit-3 ta' Novembru 1793, il-Kolleġġjali tal-Kulleġġ irċevew żewġ ittri, waħda mill-Gran Prijur ta' San Ġwann, Menville, il-Kap Spiritwali ta' l-Ordni; u l-oħra mill-Qassis Konventwal Ludoviku Savoye. F'ta l-ewwel Menvile għarrafhom li l-Gran Mastru għoġbu jaħtar Rettur ġdid, lill- Ludoviku Savoye u t-tieni mir-Rettur stess li għarrafhom li l-għada kellu jiġi wara l-Għasar biex jiltaqa' magħhom bħala Rettur tagħhom. Fl-istess żmien ir-Rettur ta' qabel, Fra Antonio Crogna, li kien ukoll Dekan tal-Kapitlu tal-Kattidral (nomina tal-Granmastru), ħatar ukoll Koġitur tiegħu, lill-Fra Ferdinando Mattei (aktar tard Isqof ta' Malta) fil-kapitlu tal-Kattidral.

Il-ħidma twila tar-rettur Savoye kienet mimlija ħidma f'mumenti drammatiċi u storiċi għal pajjiżna u għall-istess Grotta. Naqsmu fi tlett perjodi skond it-tlett saltniet li ħakmu 'l-Malta tul ir-rettorat tiegħu. Tul il-ħidma tiegħu huwa laqgħa fil-Grotta bosta personaġġi distinti fosthom viżitaturi barranin li kitbu dwar il-Grotta.[3]

**Żmien l-Ordni (1793 - 1798)**

Dawn is-sitt snin kienu żmien ta' prosperita kbira, għax il-beni li kien ħalla lill-Grotta l-

Granmastru Wignacourt fis-sena 1617 kienu ġew żviluppati tajjeb mill-kolleġjali ta' qabel, il-kostruzzjonijiet meħtieġa kienu tlestew kollha, u l-Kulleġġ kien fi stat floridu u jgawdi prestiġju kemm f'Malta u kemm fost il-barranin. Malli beda, akkwista għall-Kwartier tar-Rettur ritratt pittura tal-Gran Mastru De Rohan, li kien ħatru. Huwa saħħaħ u kabbar il-Kunvent bin-numru kostanti ta' kolleġjali, sagristani u mpjegati kif ukoll b'oħrajn sopra numru li kienu jservu bla ħlas bit-tama li jiġu magħżula malli jkun hemm vaganza. Huwa ġab ukoll Tron jew Tużell ġdid fil-Kulleġġ, għal meta jiġi l-Gran Mastru. Haseb ukoll biex jiftaħ mill-ġdid is-sotto passaġġ mill-Grotta għall-Kulleġġ li kien ingħalaq xi snin qabel, ħalli l-Grotta tiġi ndukrata aħjar. F'dan il-perjodu miet il-Gran Mastru De Rohan u laħaq Hompesch. Fil-25 ta' Jannar 1795 laqa' fil-Grotta lid-Dukessa Franċiża D'Esclissae li kienet ġiet Malta minn Barcellona u wara żjara fil-Buskett ġiet tara l-Grotta ta' San Pawl.

## Żmien il-Franċiżi

F'Ġunju 1798 Malta ġiet okkupata mill-Franċiżi u Napulun keċċa r-reliġjużi barranin minn Malta, fosthom lill-istess Hompesch. Savoye baqa' Malta għax għalkemm ta' nsel Franċiż huwa kien Malti u bħal bosta mill-poplu u kleru Franċiż kien kontra r-Repubblikani. Fil-15 ta' Ġunju huwa mar isellem f'ismu u f'isem il-komunità tal-Kulleġġ lill-Gran Mastru Hompesch qabel dan ħalla l-gżira għal-Trieste.[4]

Il-Franċiżi ħadu mill-ewwel it-Teżori tal-Knejjes ta' l-Ordni iżda b'xorti tajba insew biss lill-Grotta, li fl-aħħar mill-aħħar għalkemm tapparteni lill-Ordni dejjem kienet amministrata direttament mill-kolleġjali. Il-Maltin ma tnaffrux meta serqu l-fided ta' l-Ordni, għax kienu t-teżori tal-barrani, iżda tnaffru meta dar u għat-teżori tal-Knejjes tal-Maltin. Tul il-ħakma Franċiża l-kolleġjali komplew bl-uffizjatura kuljun bl-ilbies ta' l-ordni, neħħew biss is-salib bit-tmien ponot minn fuq il-muzzetti u mit-Tron tal-Gran Mastru[5]

Iżda fit-2 ta' Settembru il-Maltin bdew il-moviment tal-Qawmien kontra l-Franċiżi li fih Savoye kellu sehem kbir. Sar ħafna talb fil-knejjes tant li fid-19 ta' Settembru u fid-9 ta' Novembru l-kapitlu tal-Kattidral mexxa żewġ proċesjonijiet għall-Grotta ta' San Pawl.

F'dan iż-żmien l-Isqof Labini u l-Gran Prijur Menvillo kienu mblukkati fil-Belt. Is-segretarju tal-Kulleġġ kien id-djaknu Ġużeppi Camenzuli li kien wasal biex jordna saċerdot. Ir-Rettur Savoye irranġa mal-Vigarju Ġenerali u Logutenent tad-Djoċesi fl-Imdina, il-Kanonku Mikiel Anġ Dimech, biex jibgħatu għand l-Arċisqof ta' Palermo ma' frejgata Ingliża biex jiġi ordnat saċerdot hemm, kif fil-fatt ġara.

Fl-Imnarja tal-1799 il-Kapitlu tal-Kattidral ġie bħas-soltu bil-Purċissjoni fil-Knisja ta' San Pawl, iżda wara għamel żjara speċjali lill-Grotta (fl-imgħoddi qabel daħal l-Ordni, il-kapitlu kien iżur biss il-Grotta). F'din iċ-ċirkustanza speċjali, barra l-Kapitlu kien hemm ukoll il-Ġurati u l-Logutenent tal-Kmandant Ingliż. F'Jannar ta' wara (1800) għall-Primi Vespri tal-Festa ta' San Publiju ġie wkoll il-Kmandant Alexander Ball, li kien inħatar Gvernatur ta' Malta f'isem ir-Re ta' Sqallija u Napli.

## Żjara ta' Nelson fil-Grotta

Fl-4 ta' Mejju ta' l-istess sena kien niżel f'Malta għal ftit ġranet Lord Nelson, akkumpanjat minn Lord Hamilton, Ambaxxatur ta' l-Ingilterra fi Sqallija. Dawn qagħdu f'Villa Bettini, il-Gudja. L-għada fil-11 a.m.; Nelson, Lord Hamilton flimkien ma' Lady Hamilton u Alexander Ball, ma naqsux li jżuru l-Grotta. Ir-Rettur Savoye li kien diġà ltaqa' magħhom bħala delegat tal-Maltin fi Sqallija, laqagħhom u dawwarhom il-knisja, l-kulleġġ, il-kwartieri tar-Rettur u l-katakombi ta' San Pawl, li dak iż-żmien kont tidħol għalih biss mill-Kulleġġ. F'dik l-okkażjoni l-visitaturi distinti ġew milqugħa bit-torċi u offruti bukketti ta' fjuri. F'nofsinhar id-delegazzjoni marret il-Palazz ta' San Anton fejn kellhom pranzu, akkademja u ballu. Fil-Kulleġġ hemm ritratti/pittura kemm ta' Ball kif ukoll ta' Savoye.

Ta' min ifakkar li aktar tard madwar l-1900 meta skoprew il-Katakombi ta' San Pawl minn Triq San Kalald, il-Gvern ħa l-Katakombi f'idejh (bi protesta kbira tal-Kononiċi tal-Grotta) u għalaq l-aċċess għad-dar tar-Rettur; ħalla biss rewwieħa għall-arja.

## Il-Franċiżi Jċedu

Aktar tard il-Franċiżi fil-5 ta' Settembru 1800 ċedew u ffirmaw il-Kapitolazzjoni. Saru festi kbar fil-Belt u ċelebrazzjonijiet f'San Ġwann u fil-Knejjes. Il-Ħadd 14 ta' Settembru, Savoye mexxa quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Knisja ta' San Publiju bil-kant tat-Te Deum u jumejn wara, it-Tlieta 16 ta' Settembru saret quddiesa de requiem għall-mejtin tal-gwerra tas-snin 1789, 1799 u 1800.

**Żmien l-Ingliżi**

Semmejna aktar minn darba lill-Kmandant Alexander Ball, ħabib ta' Savoye. Wara r-rebħa, Ball reġa ġie għall-Festa ta' San Publiju fil-21 ta' Jannar 1800, ftit ġimgħat qabel ma temm il-ħatra. Iżda sentejn wara reġà sar kummissarju mill-ġdid għal Malta (1802 - 1809).

Sadattant il-membri Konventwali ta' l-Ordni barranin kienu telqu minn Malta u baqa' biss il-Maltin, li biż-żmien kienu se jitnaqqru tant li l-futur tal-Grotta bħala istituzzjoni ta' l-Ordni kien beda jidher inċert. Il-Papa Piju VII, fil-25 ta' Settembru 1801 (ftit ġranet biss wara l-Kapitolazzjoni) kien ħaseb għal Brevi li bih ħatar lil Savoye bħala Rettur Perpetwu, dan sar wara talba tar-Rettur stess. Billi l-kariga ta' Rettur fi żmien l-Ordni kienet prerogattiva tal-Gran Mastru u seta' jneħħih x'ħin irid, fiċ-ċirkustanzi diffiċli ġodda, Savoye ħass li għandu jassigura l-pożizzjoni tiegħu u l-interessi ta' l-Ordni. Il-Brevi nqara lill-kollegjali fl-1 ta' Frar 1802 u dawn kollha ferħulu. Baqgħu jiġu maħtura Kolleġali ġodda minn fost il-membri eżistenti ta' l-Ordni, u dan bl-awtorizżazzjoni tal-Kapijiet ġodda ta' l-Ordni wara r-riżenja u l-mewt ta' Hompesch. L-ewwel li ltqajt miegħu kien il-Kolleġjal Fra Antonio Sammut, mill-Ordni li ġie approvat mill-Logutenent Granmastru Innico Guevara Suardo fit-28 ta' Diċembru 1805 u għamel il-professjoni f'idejn ir-Rettur Savoye fit-13 ta' Frar 1806. Anzi Savoye u sħabu komplew kabbru u żiedu n-numru ta' Kolleġjali bi Fra Andrea Tanti approvat mill-Logutenent GranMastru fl-20 ta' Diċembru 1806.

**Inkwiet**

B'danakollu ma damx wisq ma nqala l-inkwiet. Fit-3 t'Ottubru 1807 ir-Rettur irċieva ittra mill-Amministratur tal-Bini Pubbliku ta' Malta biex jikkonsensja r-reġistri ta' l-Amministrazzjoni tal-Grotta lill-Gvern għax dan inkorpora din l-Amministrazzjoni tal-Bini Pubbliċi u li għalhekk minn issa l-quddiem anki l-bdiewa jibdew iħallsu lill-Gvern. Id-digriet kien jitlob ukoll dettalji tal-amministrazzjoni mill-mument tal-qawmien tal-Maltin kontra l-Franċiżi

Ir-Rettur Savoye mar malajr S. Anton biex ikellem lil Ball. Dan fissirlu li l-manteniment tal-Knisja u l-Kunvent u s-salarji anki tal-Kjeriċi se jkunu rispettati u talbu wkoll pjan għas-sena li ġejja.

Ta' min ifakkar li dan id-digriet ħareġ sitt xhur biss ara l-mewt ta' l-Isqof ta' Malta Labini li kienet ġrat fit-30 t'April 1807. Id-djoċesi kienet qed titmexxa mil-Vigarju Kapitolari Kan Ġużepp Bartolomew Xerri li ma naqasx li fl-14 ta' Ottubru 1807 jibgħat ittra ta' protest lill-Ball.

Ball ipprova jiddefendi ruħu b'ittra lir-Rettur Savoye bid-data 23 ta' Diċembru 1807. Huwa qal li l-ordni tiegħu ma kienx kawżat mill-interess iżda mir-raġuni u li wara li jitħallsu s-salarji u l-manteniment xieraq, mill-bqija tingħata somma flus lis-Seminarju, xi ħaġa lill-Isptar t' Għawdex u ssir xi opra għal ġid nazzjonali. In-nomini ukoll tal-Kolleġjali ordna li jibdew isiru mill-Istat u mhux aktar mill-Ordni. Iżda ta' min jinnota wkoll li l-Isqof beda jagħmel hemm il-Visti Pastorali.

L-istorja ta' l-aħħar mitejn sena, kważi, uriet kemm kienet kbira l-ħeġġa ta' l-impjegati ta' l-istat biex jamministraw u jiżviluppaw il-beni tal-Kulleġġ. Savoye stess kiteb tlett darbiet lill-Isqof biex jippermetti li l-quddies tal-legati tal-Parroċċa ta' San Pawl jitqaddsu ukoll fil-Knisja ta' S. Publiju bħala għajnuna għall-kolleġjali. Meta fl-1962 il-Grotta reġgħet ingħaqdet mal-parroċċa u l-Isqof akkwista mill-ġdid id-dritt tan-Nomini, xi membri tal-Gvern stqarrew li d-dħul ta' l-amministrazzjoni bilkemm kien ilaħħaq ma' l-ispejjeż miżeri ta' l-amministrazzjoni.

**Rettur Perpetwu**

Inkomplu aktar fuq Savoye li fiċ-ċirkostanzi l-ġodda baqa jmexxi l-kulleġġ taħt l-amministrazzjoni Ngliża għal 30 sena.

Fil-31 ta' Jannar 1809 il-Papa għoġbu jaħtru Kanonku tal-Kattidral waqt li fil-Bolla ddikjara li għandu jibqa' wkoll Rettur tal-Kulleġġ. Ħa l-pussess ta' Kanonku fl-14 t'Awissu 1809 flimkien ma'

żewġ kanonċi oħra, Publiju Sant (aktar tard Isqof ta' Malta) u Simone Biagio, Vigarju Ġenerali.

Fl-istess sena Savoye flimkien mal-kolleġjali iċċelbra bil-kbir it-tieni ċentinarju ta' l-akkwist tar-relikwi u statwi minn Ruma, Napli u Sqallija mill-eremita Juan Venegas de Cordora. Kien hemm quddies, għasar, skrizzjonijiet mal-bieb tal-Knisja u mixgħela ġenerali. Aktar tard ħaseb u ppreżenta rikors lill-Isqof biex l-istatwa tal-Madonna tat-Tempju tinkesa bil-fidda mill-arġentier Malti Saverio Cannataci bi stima ta' madwar 290 skud.

**Tmiem**

Ir-Rettur Savoye baqa attiv kważi sa l-aħħar. Ħassu ħażin fis-26 ta' Jannar 1830 fid-dar tiegħu fil-Kulleġġ u t-tabib tiegħu Tommaso Chetcuti ordnalu l-vjatku u l-griżma. Wara ċertu żmiem irpilja iżda fl-1 t'Ottubru 1830 huwa waqa fid-dar tiegħu stess u baqa' sejjer għall-għar. Miet fit-23 ta' Frar 1831 imdawwar bil-kolleġjali u mid-Direttur Spiritwali tiegħu Fra Antonio, Gwardjan tal-Konventwali. Għalkemm Kanonku tal-Kattidral għażel li l-funeral isir il-Kulleġġ fejn ukoll indifen. Il-quddiesa funebri saret mill-Viċi Rettur Raimondo Grioli u l-mużika minn Mro. Giuseppe Burlò. Kien hemm konkorrenza kbira tal-poplu. Miet fl-età ta' 73 sena, 11 il-xahar u 28 ġurnata.

**Benefattur tal-Maltin**

Bdejna bil-ħidma tiegħu favur il-Maltin maħkumin b'mod l-aktar sever mill-amministrazzjoni Franċiża. Kien hu li fl-4 ta' Settembru 1789 offra d-disponibilità u l-ħila kbira tiegħu biex iħejji d-dokumenti kollha ta' l-Assemblea Nazzjonali li kienu jitolbu tant prudenza u eżattezza fi trattativi ma' potenzi barranin fi kriżi Nazzjonali. Kien Savoye li fis-17 ta' Jannar 1799, fl-istess jum li fih ġie xkubettjat Dun Mikiel Xerri mar mar-Rabti Emanuele Vitale u Francesco Saverio Caruana (żewġ qassisin u nutar) fuq il-ġifen biex jittrattaw ma' Alexander Ball. Kien Savoye li fl-1 ta' Frar 1799 mar ma' Vitale u oħrajn jiddiskutu ma' Ball fil-Knisja ta' San Pawl Milqgħi meta 30 bastiment Franċiż kienu qed jiġu mblukkati mill-forza Ngliża.

**Difensur tal-Maltin**

Kien ir-Rettur tal-Grotta Savoye li flimkien mal-Baruni Gejtu Fournier u l-Avukat Wiġi Agius wassal lir-Re Ferdinandu fi Sqallija l-ittra ta' l-Assemblea tas-7 ta' Frar 1799 biex jekk Sqallija ma tistax tgħin, tħallina nitolbu l-għajnuna ta' l-Ingilterra u f'Malta jtellgħu l-bandiera Ngliża. Kien Savoye ma' Agius u Fournier li f'isem il-Maltin fit-23 ta' Frar kitbu lil Sir William Hamilton u talbu lil Lord Nelson l-għajnuna Ngliża u jaħtar lil Ball bħala kmandant tal-qawwiet tagħhom fl-art. Kien Savoye flimkien ma' Gio Batta Agius li minħabba d-diffikultajiet ta' quorum fl-Assemblea, nħatar wieħed miż-żewġ Segretarji tal-Kungress fit-18 ta' Frar 1799. Meta fil-15 ta' Marzu meta d-delegazzjoni Savoye , Agius u Fournier ġiet lura minn Sqallija huma wasslu n-notizzji sbieħ li ġabu magħhom lill-Assemblea. Kien Savoye li f'mumenti diffiċli ngħażel bħala wieħed mill-udituri ta' Ball.

**Tifkira**

Huwa għajb li l-isem u l-ħidma ta' Savoye intesew għal kollox mill-Maltin u mir-Rabat. Il-fatt li Savoye kien patri ta' nisel Franċiż ma tantx għen għall-popolarità tiegħu. Iżda tajjeb li f'dawn l-anniversarji li ġejjin niftakru fih. Fil-Kulleġġ għandna pittura tiegħu, ta' artist viċin il-pittur Franċiż Antoine Favray, membru ta' l-Ordni bħalu. Hemm pittura ferm aktar fina tiegħu f'Londra, f'St. John's Gate Clerkenwell, fil-Mużew ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Tgħid ir-Rabat ma jixraqx għalmenu li nsemmulu triq?

---

***Riferenzi***

1. Għal aktar tagħrif dwar dan il-perjodu, ara l-opra ta' Dr. Carmelo Testa, *Maż-żewġ Naħat tas-Swar*, 3 volumi, 1979-1982; l-aktar pp 217-227 dwar ir-Rabat.
2. Arkivju tal-Grotto, Kronaka C, paġ 20.
3. Ara T. Freller, *St. Paul's Grotta and its Visitors*, Malta 1996, pp. 289-293.
4. Kronaka, C, f 132 R.
5. Kronaka, C, paġ 153.